A.L. 111 ta' l-1993

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali, fuq il-parir tal-Bord dwar *Standards* ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 65 ta' l-1992.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu 1.1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"1.1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafi 4.3, 4.3.1 u 4.3.2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"4.3. L-isem tal-ħwejjeġ ta' l-ikel għandu jinkludi jew ikun akkompanjat minn indikazzjoni, skond kif applikabbli għal dawk il-ħwejjeġ ta' l-ikel, li ħaġa ta' l-ikel hija polverizzata jew hija f'xi kondizzjoni fiżika oħra jew ġiet imnixxfa, *freeze dried,* iffriżata, konċentrata, *smoked* jew suġġettata għal xi trattament ieħor, jekk, f'kull każ, it-tħollija barra ta' dikjarazzjoni tali tista' tqarraq jew tħawwad lix-xerrej.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fil-paragrafu 7.4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Kull maħfen għandu jkun *embossed*" għandhom jidħlu l-kliem "Kull maħfen li jiġi f'kuntatt dirett mal-ħaġa ta' l-ikel għandu jkun *embossed*".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej —

(a) fil-paragrafu 10.1 tiegħu, minflok il-kliem "Meta l-maħfen ikun miksi b'*wrapper*," għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief kif provdut taħt il-paragrafu 7.4 ta' dawn ir-regolamenti, meta l-maħfen ikun miksi b'*wrapper*,"; u

(b) Minflok il-paragrafu 10.3 tiegħu għandu jidħol dan li ġej —

"10.3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 10.5 ta' dawn ir-regolamenti, l-isem, il-kontenut nett tal-ħaġa ta' l-ikel, kull dikjarazzjoni dwar id-durabbiltà tal-ħaġa ta' l-ikel, u, fil-każ ta' xorb li jkun fih mhux iżjed minn 1.2% alkoħol bil-volum il-qawwa alkoħolika attwali bil-volum ukoll, għandhom jidhru fl-istess kamp viżiv.

10.4. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, ikunu meħtieġa biss l-isem tal-ħaġa ta' l-ikel, il-kontenut nett u dikjarazzjoni dwar id-durabbiltà tal-ħaġa ta' l-ikel jekk ikun il-każ, meta l-ħaġa ta' l-ikel tinbiegħ fi —

(i) flixkun tal-ħġieġ li jista' jingħata lura u li jista' jimtela' mill-ġdid biex jerġa' jintuża għall-iskop li għalih kien oriġinarjament intenzjonat, u li jkun indelibbilment immarkat bi ħtieġa jew oħra minn dawn il-ħtiġijiet; jew

(ii) maħfen, li l-akbar wiċċ tiegħu ikollu area ta' inqas minn għaxar ċentimetri kwadri.

10.5. B'seħħ mill-1 ta' Jannar 2003, l-informazzjoni meħtieġa skond il-paragrafu 10.4 ta' dawn ir-regolamenti għandha, għar-rigward tal-ħaġa ta' l-ikel relattiva, tidher fl-istess kamp viżiv.

10.6. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-*crown cork* jew *cap* kollu jitqies li jkun fl-istess linja viżiva bħal dik il-parti tal-flixkun li fuqha tkun preżentata l-informazzjoni l-oħra.".

Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

6. Minflok il-paragrafi 20.1 u 20.2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej —

"20.1. Ebda persuna ma għandha timporta, timmanifattura, tħejji jew tbiegħ xi ħaġa ta' l-ikel li ma tkunx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista', bla ħsara għal kull kondizzjoni li huwa jista' jimponi dwar is-sigurezza tal-ħaġa ta' l-ikel, jippermetti l ħaġa ta' l-ikel ippakkjata minn qabel li ma tkunx tikkettjata b'wieħed mill-ilsna msemmija fir-regolament 10.1 tittieħed f'post kif huwa jista' jordna għall-iskop ta' tikkettjar addizzjonali b'wieħed mill-ilsna preskritti, bil-kondizzjoni li dak it-tikkettjar addizzjonali jkun traduzzjoni *bona fide* tat-tikketta oriġinali għar-rigward tal-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti.

20.2 Ebda ħaġa ta' l-ikel ma għandha tiġi importata f'Malta kemm-il darba d-data ta' l-inqas durabbiltà ma tkunx tali li —

(i) dwar ħaġa ta' l-ikel li jkollha *shelf life* ta' sitt xhur jew inqas, dik il-ħaġa ta' l-ikel ikun għad għandha mill-inqas ħamsin fil-mija tax-*shelf life* tagħha wara li tiġi liberata mill-Awtoritajiet tad-Dwana; u

(ii) dwar ħaġa ta' l-ikel li jkollha *shelf life* ta' aktar minn sitt xhur, id-data ta' l-inqas durabbiltà ma tkunx inqas minn tliet xhur mid-data ta' dik il-liberazzjoni:

Iżda meta fil-fehma tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika l-provvisti li jkunu qed jiġu importati jkunu jeċċedu lil dawk li normalment jiġu kkunsmati f'dawn il-gżejjer, għall-perijodi li jkollhom x'jaqsmu, l-imsemmi Suprintendent jista' jimponi dawk il-kondizzjonijiet oħra li huwa jista' jqis xierqa biex jissalvagwarda kontra preġudizzju għall-konsumatur.

20.3. Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "*shelf life*" għandha titqies li hija l-perijodu bejn id-data tal-manifattura u d-data ta' l-inqas durabbiltà. Għall-iskop li tiġi stabbilita d-data tal-manifattura, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jeħtieġ li mal-prodott ikun hemm dokument maħruġ mill-manifatturier għal dan l-effett, jekk id-data tal-manifattura ma tkunx murija fuq it-tikketta.

20.4. Ebda persuna ma għandha taltera d-data ta' "l-aħjar qabel", jew, skond il-każ, id-data ta' "uża sa" konnessa ma' dik il-ħaġa ta' l-ikel.".

7. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-paragrafu 21.1.1 tiegħu, minflok il-kliem "14.1, 4.1.1, 14.1.2," għandhom jidħlu l-kliem "14.1, 14.1.1, 14.1.2,";

(b) minflok il-paragrafu 21.1.3 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"21.1.3. l-1 ta' Jannar, 1995 għar-rigward tal-kumplament tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.";

(ċ) minflok il-paragrafu 21.2 għandu jidħol dan li ġej:

"21.2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ta' dan ir-regolament id-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li japplikaw mill-1 ta' Jannar, 1993 għar-rigward ta' kull ħwejjeġ ta' l-ikel importati fejn l-ordni għalihom tkun saret wara l-31 ta' Diċembru, 1992:

Iżda għar-rigward ta' ordnijiet magħmula qabel il-31 ta' Diċembru, 1992, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti għandhom, dwar ħwejjeġ ta' l-ikel importati, japplikaw mill-1 ta' Ottubru, 1993.".